# LILU NNIFSU

Hallik mis-Sentiment, mill-Emozzjoni.
Hallik mill-biki u d-dmugħ.
Hallik mill-vrus tal-ħdax, tas-sebgħa u l-bqija,
mill-moħħ mixgħul u minn tqanqil ir-ruħ.
Illum il-Poeżija
ma tridx taf b'jasar —
b'jasar il-qjies u l-kejl tal-Prosodija.
Jeħtieġ tkun ħielsa —
ħielsa minn kull irbit,
bħal xebba mqarba u wiċċha sfiq għaddejja
mit-toroq ta' l-ibliet u ta' l-irħula
aktar imnażżgħa milli liebsa — għall-ħajr.

Illum żmien ieħor: żmien id-drogi u l-orġji —
l-orġji sesswali — l-erotiżmu, in-naxra
ta' laħam it-tfajliet w oħrajn miżżewġa
f'idejn żgħażagħ u rġiel bla ruħ, qattiela,
fosthom Charles Manson, Richard Speck w oħrajn...
Le, le, tibqax irsir
ta' dak li kien ilbieraħ u llum għadda
għax tbiddlu ż-żminijiet u niesna magħhom.
L-irbit xi tridu? Ma jgħinekx. Ixekklek.
Tkun qisek ngħalaqt f'ħabs ġo ċella waħdek:
la tgħanni ma tkun tista', anqas ittir.

Isma' minni: tkunx ħmar.
Biex idaħħluk fix-Xirka tal-Moderni,
taf x'għandek tagħmel? Aqbad ħaġna kbira
u ras il-Għanja tinten pesta tiegħek
isħaqha biha — agħmilha frak u żrar.
Itlaqha wkoll, m'għandekx xi tridha r-Rima.
Il-Metrika spiċċat: għodda qadima.

Għidli ħaġa, ħabib, inti l-gazzetti
ma taqrahomx, jewwilla !
Ma tafx li llum m'għadux żmien il-bużnanna?
li għadda żmien l-insiġ bin-newl? li għosfru
l-imtieħen kbar ta' żmien Miguel Cervantes,
u hekk ukoll il-kwiener u l-imriewaħ
li n-nisa bihom kienu jrewwħu n-nar,
huma u jdawwru nkaljatur bl-id l-oħra
li fih kien ikun hemm ċiċri u kafe'?
Kemm se ndum ngħidlek u 'ntambarlek, ruħi,
li llum kollox inbidel
u nqaleb ta' taħt fuq?

Ma tafx, jewwilla, u mkien ma qrajt, jaqaw,
kif inhu miexi tal-Moderni s-Suq?
Ma tafx li tar żmien it-tbeżbiż u l-biża'
bl-Infern u bil-Babaw?!

Qaluli li waslulek...
Qrajthom jew ma qrajthomx il-**LINJI ĠODDA?**
**Linji** bħal dawk, **linji** bħal dawk, ja sieħbi,
jeħtieġlek tħażżeż biex idduq mill-frott
ta' Ġnien Dun Peter Serracino Inglott.
Tibda mill-bidu trid. Le, m'hemmx għalfej'
tkun xi Sir Isaac Newton,
Einstein jew Galileo Galilei.
M'huwiex għaref daqshekk dak li tennielna
xi fettuqiet mill-kotba ta' ħaddieħor.
Sata' kien hekk, sata' ma kienx. Hadd minna —
mill-**'animalia rationalia'** kollha —
ma kien mill-Bidu Nett. Tista' tkun ħrafa
(mhux Għerf jew Xjenza) dik
li l-Univers marsus fi traba kien
qabel ma sploda, qisu gass f'ċilindru,
u sar elf xemx u elf dinja
fi ħdan il-Baħħ, min jaf kemm ilu żmien!
F'hekk rah il-ġdid Dun Piet? Għalhekk dak l-għagħa?
Fejn hi, fejn hi l-oriġinalita'?
U min ma jafx li int, Dun Piet u jiena,
u bħalna oħrajn, f'ġuf omm konna żerriegħa
qabel ma sfajna trabi ġo benniena?!
Kieku l-poeta qal
illi **mix-xejn qatt ma sar xejn,** w għalhekk
ried ikun hemm bilfors Setgħa Hallieqa
biex sar dan kollu **kif** u **meta** sar,
ma jidhirlux Dun Peter
li kien ikun aħjar?

Isma' minni u jaqbillek, ruħi qalbi.
Hallik mill-qdumijiet ta' żmien bużnanntek;
ħallik mill-Qaddisin u l-Metafiżika,
mill-Malti Safi u l-kliem mirqum, mill-bini
bil-għaqal u bis-sengħa tas-sentenzi,
mill-Loġika u s-Sintassi
u x-xniexel l-oħra ta' ruħ ommok. **Skużi.**
Għad li ma ridtx, ħtieġli nkun iebes. Imma,
kif naqbad nagħmel biex infiehmek, sieħbi,
u niftaħlek għajnejk? Ara, **pars mea**,
tistax minn issa 'l hinn toħroġ b'xi versi
jew b'xi linji bħal dawn:

**"Għaliex das-seħer ta' ferħ
meta naf li m'għandi xejn**

**forsi għax jiena għandi lili
imma lili
għada se jmut**"(1)

La tħabbilx rasek dwar punteġġatura.
Fittex il-paradoss fil-ferħ (jew niket)
li jinħass fik mingħajr ebda raġuni.
Ifraħ jew tnikket għax teżisti, xbin.
U ikteb hekk, jekk taf, meta t-tagħrixa
tal-Muża tħoss bħal ħakk f'ġisem xadin.
Fittex ukoll is-Simboli u l-Astratt.
Arġa' għar-Rabta l-Qadima,
għad illi dak li tħabbar bil-għeliem
twettaq u seħħ madwar elfejn sena ilu
(kif jaf kulħadd) u qdiem.
Hekk trid il-Liġi l-Ġdida
fil-**Ħżuż tal-Linji** li ma jninu qatt.
**For, after all, what is a 'line' essentially
but an extent of moving points in length?
Again, if 'versi' has been lent from Latin
just through Italian, has not 'linji' too?**

Ilbes u kun illum. Warda tal-plastik
tolqot aktar 'ill-għajn minn waħda friska
f'pavru ta' ġlekk milbus.
Insieha 'l Malta ta' Dun Karm fil-vrus.
Għal Malta u niesha l-aqwa monument
mhux dak tal-bronż li jfakkar Sebħ Ġrajjietha.
Kif qal Mario Azzopardi Bottiglieri
illum il-glorja ta' pajjiż hu ż-Żejt!
Malta qed tfittxu. Tgħidx kemm ħaffret bjar
lilhinn minn xtutha taħt qigħan baħarha!
Hemmhekk trid tara, **meta ssibu,** x'mara
Artna jkun fiha, u kemm nitkabbru biha!
Dik tkun rebħa tassew — taż-Żejt is-Sejba —
rebħa għal Malta mill-kbar.

Mela, ħallik mill-ħolm u l-fantasija
minn issa 'l hinn, ja sieħbi,
fit-tifsil u fil- qtugħ tal-Poeżija.
Iż-żgħażagħ li tilgħin jgħallmuk bil-bosta:
itgħallem minnhom u kun għaqli bħalhom:
tbati u titħabat inqas u... jiswielek.
Issa li xjeħt, aħjar isuquk huma

lejn Bjar iż-Żejt u l-Ġid u Sebħ il-Għana
sakemm, f'telfa ta' ġenn, iż-żgħażagħ tagħna
ma jfettlilhomx jgħattbuk b'daqqiet il-frosta.

Iżda min jaf inix ingħidlek sewwa?!
Dwar hekk inħossni mħasseb u beżgħan.
Li ż-żgħażagħ jgħallmu 'x-xjuħ — din qatt ma kienet.
Intix tal-lum, għadekx li kont ilbieraħ,
'ngħid jien, xi jgħodd, sakemm inti li int:
poeta tat-tiġrib u l-hemm u n-niket —
ħsarat fl-għajxien daqskemm huma l-bluhat?!
Imbagħad x'hemm ġdid, x'hemm li hu ġdid għal kollox
mis-sema 'l isfel? X'hemm, jekk mhux ksuħat,
filli kittieb fuq roqgħa żejt f'wiċċ l-ilma
itarraf li qed jara lwien iżewwqu
bħall-ilwien naturali tal-qawsalla?
U fejnha l-Poeżija u ġmielha u ħajrha
f'dawn il-linji ta' Mario?

**"mawmettu u kristu mgħannqin**
**ixappu griżmejhom f'ġieh pawlu sitta"** (2)

L-egħliem ta' l-istagħġib, tal-mistoqsija,
tat-tmiem f'sentenza u l-bqija
ma ssibhomlux lill-poeta tal-lum.

Ara ma tiġġenninx, sieħbi, u titħajjar
tħażżeż mill-lum 'il hinn xi linji hekk,
hi xinhi l-fehma dwarhom ta' Dun Peter
li, flok ma rafa' l-Malti, għaddsu sal-qiegħ.
M'intix iblah daqshekk. M'intix ser temmen
li biex tingħoġob jew tingħad b'**modern**
jaqbillek tibda toħroġ dawn il-ftajjar.
Fl-aħħar mill-aħħar, stabar:
int taf li kollox frugħa u kollox riħ.
La tħabbilx rasek, titnikkitx jekk tara
li għomrok kien għalik tebut u qabar,
kif stqarrejt int bil-kitba. **"Omai disprezza**
**te, la natura, il brutto**
**poter che, ascoso, a comun danno impera,**
**e l'infinita vanita' del tutto."**(3)
**29/VIII/1973** **Karmenu Vassallo**

---

(1) **Duende** ta' Albert Marshall f'**LINJI ĠODDA** (k.k.m. 27-28).
(2) **assedju — stil 1967** ta' Mario Azzopardi, **ibid.**
(3) **A se stesso** ta' Giacomo Leopardi; vv. 13-16